MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1/2007

**PA597/02.**
**Appell Nru. 224/04.**
**Gozo Caterers Limited.**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta' appellanti Gozo Caterers Limited datat 15 ta' Mejju 2007 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

Illi fil-2002 is-socjeta' esponenti applikat ma' dik li kienet il-Planning Authority ghal "*conctruction of three flats at second floor*" fuq binja ezistenti fi Triq l-Ghammar, Ghasri, Ghawdex.

Illi permezz ta' din l-applikazzjoni l-esponenti effettivament u fil-prattika talbet li l-binja taghha tigi ndaqs fl-gholi daqs il-bini li jmiss maghha qasma ma' qasma kif ukoll daqs bini iehor fuq l-istess naha tat-triq, u li jinsab ghaxar metri 'l boghod, u liema binu huwa ta' tliet sulari u kien mibni wara li inghata l-permess relattiv li jgib in-numru 2210/95 (jigifieri b'applikazzjoni sussegwenti ghal dik ta' l-esponenti).

Illi f'Lulju 2004 id-Development Control Commission fi hdan l-Awtorita' iddecidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u dan principalment ghaliex skond hi l-akkwata kellha *maximum height limitation ta' two floors.*

Illi fil-5 t'Awwissu 2004 l-esponenti appellat minn din id-decizjoni quddiem il-Planning Appeals Board bl-appell li jgib in-numru 224/04 u *tramite* l-perit Robert Grech esponient kif ir-ragunijiet migjuba mill-Kummissjoni ghar-rifjut ma kienux fondati, u dik id-decizjoni ma kinitx gusta u ekwa.

Illi sussegwentement l-appellanti kienet ghamlet nota ta' sottomissjonijiet fejn hi uriet b'mod ezawrjenti u b'referenzi ghall-kazijiet partikolari kif lil terzi nhargulhom pemessi ghal zviluppi simili ghal dawk mitlubin mill-esponenti, u dan anki meta hafna mill-applikazzjonijiet ta' terzi saru <u>ferm wara</u> l-applikazzjoni tal-appellanti odjerna. Madankollu fis-16 ta' Marzu 2007 saret seduta mill-Planning Appeals Board fejn il-legali tal-MEPA deherlu illi jallega illi fil-waqt illi l-bini propost hu ta' *three floors* il-*Local Plan* ghall-Ghawdex, u Kemmuna hu ta' *two floors.*

Illi b'notaipprezentata fit-18 ta' April 2007 il-Kumpanija irribattiet dan kollu u sahanistra wriet lill-Bord illi ma kienx minnu dak li allega il-kontro-parti fis-seduta tat-18 ta' April 2007 ghar-ragunijiet hemm elenkati. Anzi fl-istess nota gie ndikat lill-Bord ta' l-Appell illi kien hemm POLICIES VIGENTI illi a bazi taghhom l-applikazzjoni ta' l-esponenti kienet tikkwalifika u tintitolha ghal hrug tal-permess ta' bini kif mitlub minnha.

Illi madankollu l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar b'decizjoni tieghu tal-4 ta' Mejju 2007 naqas li japplika l-policies applikabbli, u ghogbu jiskarta numru ta' precedenti b'permessi ghal zviluppi mahrugin lil terzi u ghadda biex ikkonferma r-rifjut tal-permess tar-rikorrenti.

Illi l-appellanti thossha aggravata b'din id-decizjoni u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell.

1. Illi bl-ewwel aggravju qed tintalab li d-decizjoni hawn appellata tigi ddikjarata nulla in kwantu tmur kontra il-principji tal-gustizzja naturali. L-esponenti jirrizultalha illi l-Perit Saviour Borg, li kien wiehed mill-membri tal-Bord tal-Appell meta dan kien gie rikompost lejn l-ahhar tas-smigh ta' dak l-appell, kien diga' involut precedentement fid-decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Izvilupp dwar din l-istess applikazzjoni. L-iskop ta' appell huwa proprju biex decizjoni li fl-opinjoni ta' l-appellant kienet hazina, tigi investigata minn gudikant (jew gudikanti) li ma jkunx diga' esprima ruhhu fuq l-istess materja.

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda n-nuqqas tal-Bord tal-Appelli li japplika l-*policies* vigenti u applikabbli ghall-izvilupp mitlub fil-kaz odjern. L-appellanti gibdet l-attenzjoni – u dan sar bil-miktub – tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar ghal diversi regoli u *policies* liema regoli gew skartati mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Difatti, apparti n-nota estensiva li hija kienet ipprezentat fi stadju precdenti, fit-18 t'April 2007, l-appellanti kienet dahlet nota quddiem il-Bord ta' l-Appelli kif rikompost, fejn kienet indikat car u tond illi (1) kien hemm *'commitment'* u hrug ta' permessi fuq l-istess linja ta' terzi; u (2) kien hemm disposizzjonijiet cari u ufficjali li kienu jindikaw illi l-permessi ghat-tielet sular kellhom johorgu in virtu' tal-***Building Height Relaxation Policy*** li permezz tal-***Policy and Design Guidance 2007*** giet reza effettiva u applikabbli ghall-applikazzjonijiet li dahhlu qabel it-3 ta' Awwissu 2007 (bhal dak odjern), u dan *nonostante* il-*Local Plan* ghall-Ghawdex u Kemmuna; u (3) kien hemm regoli u *policies* ohra fl-istess *Policy and Design Guidance 2007* li lkoll japplikaw ghal kaz prezenti u jikkwalifikawh ghall-hrug tal-permessi. **Dawn huma ligijiet regoli u**

***policies*** **li kellhom jigu segwiti u enforzati mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar izda dan m'ghamilx hekk**. Di fatti dan il-Bord fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2007 sema' s-sottomissjonijiet min-naha ta' l-Awtorita'.

**Illi fil-waqt li l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar donnu qaghad fuq is-sottomissjonijiet maghmula mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'ghajnejh maghluqa, b'kull rispett dak il-Bord ma ddelibera xejn fuq dak sottolineat mill-appellanti, u cjoe': (a) li l-Local Plan ghal Ghawdex u Kemmuna stess jindika *"receded floor" oltre* iz-zewg sulari bini normali – GZ – EDGE 1; (b) li l-*Policy and Design Guidance 2007 Policy and Design Guidance 2007* jippermetti *Height Relaxation Policy* – li permezz taghha sit in kwistjoni kien jikkwalifika ghall-permessi kif mitlubin mill-appellanti, *stante* li din kellha tibqa' applikabbli ghall-applikazzjonijiet li saru qabel il-31 ta' Awwissu 2006, inkluza dik odjerna – (Part 17 – Interim Provisions); (c) li l-Part 10 tal-istess *Policy and Design Guidance 2007* tippermetti numru ta' strutturi (bhal per ezempju – *duplex unit)* li fihom tinkwadra l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell.**

Illi sabiex taccerta ruhha li dawn il-ligijiet u l-*policies* jigu mharsa fid-decizjoni relattiva ghall-applikazzjoni odjerna, l-esponenti ghamlet rikors fit-2 ta' Mejju 2007 fejn talbet biex jekk ikun mehtieg tamplifika fuq dan, izda l-**Bord tal-Appell cahad it-talba u ghadda biex ta d-decizjoni tieghu minghajr ma ddelibera u applika dawn l-istess ligijiet u policies.**

3. Illi t-tielet aggravju jirreferi ghall-mod kif gie trattat il-principju ta' *commitment* jew *cerimus paribus.* Il-Bord deherlu li kellu jinjora provi mressqa dwar l-ammont ta' permessi mahruga lil terzi, u n-nota estensiva u ezawrjenti li tillustra b'mod car u ezawrjenti kazijiet fejn inghataw permessi simili lil terz. Fid-dawl ta' dawk il-permessi mahruga lil terzi, il-kwistjoni mhux wahda li tigi spedittivament rizolta billi jinghad li mill-access ma' rrizultax *commitment,* izda kienet tirrikjedi amplifikazzjoni u deliberazzjoni dwar x'kellhom dawk it-terzi li kien

jimmeritaw hrug ta' permessi, u x'ma kellhiex l-esponenti li kien jimmeritaha trattament differenti.

Illi fil-kaz **"Anna Maria Degiorgio vs Kummissjoni ghall- Kontroll tal-Izvilupp"** deciza mill-istess Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar fl-14 ta' April 1999, l-istess Bord irritjena illi kien hemm *commitment* ghal skop ta' gholi ta' sulari anke sahansitra b'permessi u binjiet li kien hargu mijiet ta' metri 'l boghod u anki sahansitra fi triqat differenti u diversi mis-sit in kwistjoni. Altru mela illi l-kaz odjern hu gustifikat meta qasma ma' qasma mas-sit in kwistjoni hemm bini ta' terzi gholi tliet sulari filwaqt illi sahansitra ftit metri 'l boghod hemm ukoll bini iehor ta' tliet sulari mibni u awtorizzat bil-permess PA 2210/95. **Il-kaz prezenti certament fih aktar *commitment* in kwantu (a) il-bini mhux biss hu fil-vicinanzi imma sahansitra (b) jinsab fl-istess triq u (c) addirittura fuq l-istess naha tat-triq u biss ftit metri 'l boghod mis-sit in kwistjoni.**

Illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell diga' ddecidiet diversi drabi dwar kwistjoni ta' meta jkun hemm obbligazzjoni ta' *commitment* quddiem il-Bord – ara l-kaz **"Ignatius Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp deciza fis-26 ta' Mejju 2004.** Din id-decizjoni iccitat is-sentenza **"Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp (Appell numri 36/01 u 37/01 decizi fl-24 ta' Frar 2003)** kif ukoll is-sentenza **"Michael Gatt vs l-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) fejn *inter alia* inghad li:-

*"Biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Naturalment il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bhal din il-Qorti, mghobbi b'numru kbir ta' kawzi li wiehed ikun irid jaqtaghhom fi zmien ragonevoli. Pero', il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita' tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu*

*li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita', b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja".*

Fost l-ammont kbir ta' kawzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq din il-materja, wiehed ma jistax ma jiccitax sentenzi ohra fuq dan il-principjiu bhal ma huma **"Alex Montanaro nomine vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fid-9 ta' Frar 2001) kif ukoll **Michel Dingli vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fis-6 ta' Ottubru 2000), u **"Emmanuel G. Cefai u Amalia Cefai vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fit-30 ta' Marzu 2006) – Appell 6/2004) fejn fost ohrajn intqal li:-

*"Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jekk persuna aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp tappella quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar, u dik il-persuna tallega li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet imxiet b'mod diskriminatorju, irrazzjonali u b'mod arbitrarju fil-konfront taghha, il-Bord mhux biss jista' jikkonsidra dawk l-allegazzjonijiet u jisma l-provi dwarhom, talli ghandhu d-dritt jaghmel dan. Il-Qorti thoss li huwa obbligu tal-Bord li jaghmel dan, in vista tal-kompetenza tieghu, dment li l-istess huwa relevanti ghall-kaz quddiemha".*

4. Illi r-raba' aggravju tar-rikorrenti hu li s-sentenza hawn appelata mhijiex sufficjentement motivata ghal dak li jirrigwarda l-punti legali mqajma, u ghalhekk hija nulla, jew ta' l-inqas annullabbli. Huwa essenzjali li kwalsiasi sentenza taghti sodisfazzjon car lill-parti telliefa. Kif fuq inghad, il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar kellu quddiemu nota li kienet tinkludi kazi wiehed wara l-iehor ta' fejn inghataw permessi lil terzi f'cirkostanzi simili f'Ghawdex u anki sahanistra fl-istess Ghasri. Il-Bord **minflok ma affronta dawn il-kazijiet, analizzahom, idduskutihom u ta ragunijiet teknici in sostenn tat-tezi tieghu u f'kull kaz,** harab mill-istess kazijiet. Naturalment il-Bord msemmi jidher li ma sab l-ebda raguni teknika biex jikkontrasta il-verita' li tohrog min-nota tal-appellanti dwar

permessi tal-bini moghtija lil terzi li anki fosthom kien hemm min applika snin shah wara l-appellanta u ha l-permessi anki gieli fi ftit xhur mentri l-appellanta ilha tigi mcahhda mill-permessi sa mis-sena 2002. Il-Bord msemmi bl-ebda mod ma ikkontrasta, ikkontradica jew ikkwalifika d-diversi kazijiet ta' hrug ta' permessi lil terzi msemmijin fin-nota tal-appellanta tal-21 ta' April 2006.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-appellanti fil-waqt li taghmel referenza ghall-atti tal-kawza u ghal atti u provi ohra producibbli f'dan l-istadju, titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti t'Appell biex tannulla s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ta' l-4 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet **"Gozo Caterers Limited kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** u tordna l-hrug tal-permess relattiv.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 11 ta' Lulju 2007 a fol. 6 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Amalia Cefai obo Gozo Caterers Limited kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (Bord).

Rat ir-risposta tal-Awtorita` appellata datata 29 ta' Ottubru 2007 a fol. 11 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost mis-socjeta' appellanti huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).*

Dan kien konfermat diversi drabi b' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza "**Emanuel Mifsud vs Kummissajoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), **"Anthony Borg vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 24 ta' April 2006); **"Francis Mugliett vs l-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 2006);

**"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 28 ta' Frar 1997); **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2002); **"Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 28 ta' Ottubru 2002).

2. Illi jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti huwa daqstant null *stante* li kwistjonijiet ta' gustizzja naturali ma jistghux ikunu decizi minn din il-Qorti kif komposta, tant li din l-allegazzjoni qatt ma giet imqajma mis-socjeta' appellanti u kwindi lanqas giet deciza mill-Bord ta' l-Appelli. Illi dan gie kkonfermat minn din l-istess Qorti fil-kaz fl-ismijiet **"John maghruf bhala Ivan Gravina vs. DCC (4/01/RCP – deciza 24 ta' Marzu 2003).**

3. Illi huwa car illi l-Bord tal-Appelli, fid-decizjoni tieghu dahal fid-dettal sew ta' dak sottomess mill-istess rikorrenti appellant tant li acceda fuq il-post fejn seta' jikkonstata li fil-vicinanzi ma kienx hemm ebda tip ta' *commitment.* Illi ghaldaqstant, il-Bord ma setax jiddipartixxi mir-regoli tal-Local Plan fejn l-izvilupp proprost imur *oltre* il-*"maximum height limitation"* ghal dik iz-zona.

4. Illi *di piu',* gie kkonstatat illi l-bini originali ma kienx jikkonforma mal-permess mahrug ghalih u ghaldaqstant dan l-izvilupp il-gdid kellu jigi awtomatikament rifjutat a bazi tac-Cirkolari 2/96.

5. A rigward taz-zewg permessi li gew ikkwotati mill-appellanti fil-Bord tal-Appell u cjoe' PA330/01 u PA5531/02 dawn m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni ghaliex l-ewwel permess jinsab fin-Nadur u huwa parti minn *Housing Estate* u l-kwistjoni ta' *height limitation* f'dak il-permess qatt ma tqajmet. It-tieni permess jittratta fuq is-sit fil-Fontana u f'dak il-kaz giet applikata l-*Height Relaxation Policy* li f'dan il-kaz ma kinitx tapplika.

6. Illi fi kwalunkwe kaz, il-kwistjoni ta' *commitment* fuq is-sit ma tapplikax u ma tistax tigi evalwata ma' siti li huma f' irhula ohra minn dak taht ezami. Ghaldaqstant, il-Bord ma

kellux jiehu in konsiderazzjoni dawn iz-zewg permessi minhabba l-fattur ta' distanza.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 4 ta' Mejju 2007 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha premessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti, u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Rat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet premessi datata 4 ta' Mejju 2007 u l-process relattiv tal-appell quddiem il-Bord.

Rat in-nota pprezentata mill-Awtorita' appellata datata 18 ta' Frar 2008 (fol.16).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti nkluz dak tas-6 ta' Novembru 2007 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-Perit Saviour Borg kien fuq il-Bord tad-DCC u fuq il-Bord li ddecieda dan l-appell.

Rat il-verbali tas-seduti datati 14 ta' Frar 2008, u 18 ta' Gunju 2008 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta' appellanti datata 17 ta' Gunju 2008.

Rat in-nota responsiva tal-Awtorita' appellata datata 5 ta' Novembru 2008.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell minn applikazzjoni li saret ghall-bini ta' *tlett flats at second floor level* fuq binja ezistenti fi Triq l-Ghammar, Ghasri, Ghawdex, liema permess gie rifjutat mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata Lulju 2004, u mill-Bord b'decizjoni tieghu datata 4 ta' Mejju 2007.

Illi s-socjeta' appellanti appellat minn din id-decizjoni u ressqet diversi aggravji li huma (1) li d-decizjoni hija nulla peress li wiehed mill-membri tal-Bord kien ukoll membru tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li ddecieda fuq l-istess applikazzjoni tal-appellanta u dan imur kontra l-principji ta' gustizzja naturali u evita li l-kwistjoni terga tigi ezaminata mill-gdid minn gudikant li ma' jkunx esprima ruhu fuq il-materja; (2) illi gew applikati l-*policies* hziena ghall-kaz in ezami ghaliex kien hemm *commitment* u li kellha tigi applikata l-*Building Height Relaxation Policy* permezz tal-*Policy and Design Guidance 2007* li tapplika ghall-applikazzjoni li saru qabel id-data tat-3 ta' Awissu 2007, u hemm regoli u *policies* ohra fl-istess *Policy and Design Guidance 2007 Policy and Design Guidance 2007* li kellhom japplikaw ghall-kaz in ezami; (c) ma giex osservat il-principju ta' *commitment* u *cerimus paribus* b'dan li s-sottomissjonijiet tal-appellanta ma gewx trattati mill-istess  Bord u dan imur kontra gurisprudenza kostantement citata mill-istess appellanti; (4) Illi l-istess decizjoni hija nulla ghaliex ma hijiex motivata u in partikolari ghaliex ma trattatx il-kazi ta' permessi li allegatament inhargu lil terzi  u dan meta mqabbel mal-kaz tal-appellanta.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li qabel xejn ghandu jigi deciz l-ewwel aggravju ghaliex jittrattaw dwar il-komposizzjoni tal-istess Bord u allura jaffettwa l-validita' stess tal-istess decizjoni. Illi fil-fatt l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-istess decizjoni hija nulla u bla effett u dan ghaliex tmur kontra l-principji ta' gustizzja naturali ghaliex wiehed mill-membri tal-Bord il-Perit Saviour Bord, li ta din id-decizjoni, kien gja ta d-decizjoni tieghu dwar l-istess kaz meta huwa kien membru tal-Kummissjoni dwar l-Izvilupp dwar din l-istess applikazzjoni, fejn ovvjament l-istess applikazzjoni kienet giet rifjutata.

Illi skont l-**artikolu 14 (2) tal-Kap. 356** membru tal-Bord ikun skwalifikat milli jisma' l-appell f'dawk ic-cirkostanzi li jiskwalifikaw Imhallef f'kawza civili.

Illi skont l-**artikolu 734 (1) (d) (i)** Imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni milli joqghod f'kawza jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha u wkoll **(ii)** jekk il-kawza kienet gja quddiemu bhala Imhallef jew arbitru.

Illi f'dan il-kaz hemm qbil bejn il-partijiet li l-imsemmi perit kien membru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li ta d-decizjoni tieghu mertu ta' dan l-appell u wkoll membru tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izviliupp li ta d-decizjoni tieghu dwar l-istess applikazzjoni premessa, b'dan ghalhekk li membru tal-istess Bord iddecieda l-kaz fl-istadju ta' appell meta kien allura gja ta d-decizjoni tieghu fuq l-istess kaz u applikazzjoni bhala membru tal-Kummissjoni imsemmija.

Illi b'hekk din il-Qorti thoss li ma hemmx dubju li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 734 (d) (ii) tal-Kap. 12 japplikaw ghall-kaz in ezami u dawn iwasslu sabiex tali decizjoni tal-Bord tigi ddikjarata nulla u bla effett u dan peress li effettivament minhabba dawn il-fattispecie tal-kaz l-istess socjeta' appellanti quddiem il-Bord giet negata mid-dritt taghha li l-kaz jigi trattat minn Bord kompost minn persuni differenti minn dawk li kienu gja trattaw il-kaz meta dan kien quddiem il-Kummissjoni, u b'hekk effettivament l-istess socjeta' appellanti giet ukoll negata mid-dritt li jkollha aditu ghad-*doppio esame,* li huwa principju konness ma' dak indikat fl-imsemmi artikolu, li jghin sabiex jistabbilixxi li l-membri tal-istess Bord ikunu mparzjali u indipendenti **(" L-E.T. Rev. ma Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca proprio et nomine vs l-Onorevoli Prim Ministru noe et" –** Q.K. – 22 ta' Ottubru 1984).

Illi ovvjament ma hemmx dubju li dan il-principju jittratta meta jkun hemm l-istess kawza involuta **("Licari Estates**

**Limited vs Kishinchand Mohnani"** – P.A. (GV) – 19 ta' Frar 2001); **"Gauci vs Gatt"** – A.C. – 6 ta' Novembru 2007).

Illi dan il-principju huwa tant importanti li huwa wiehed mill- elementi sabiex jassikura l-imparzjalita' ta' gudikant jew minn ghandu jiddeciedi fil-kuntest ta' smigh xieraq anke fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u f'kazi bhal dak odjern huwa wiehed mill-elementi bazilari sabiex jinghad li l-gustizzja mhux biss issir izda tidher ukoll li qeghda ssir **("Arcidiciano Limited vs Avukat Generali et"** – Q.K. 29 ta' Ottubru 2004) u ghalhekk f'dan il-kaz partikolari, u minhabba l-importanza tal-principju ta' imparzjalita' li japplika wkoll ghall-membri tal-istess Bord, thoss li dan il-punt wahdu huwa punt ta' dritt li jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti, u wkoll huwa tant serju, li ghandu jwassal minhabba l-*fattispecie* tal-kaz kif fuq spjegati sabiex tigi annullata d-decizjoni tal-istess Bord tal-4 ta' Mejju 2007.

Illi dwar il-kaz indikat mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha, huwa wiehed ferm differenti mill-kaz odjern u dan ghaliex l-ilment f'dak il-kaz kien dwar procedura li giet adottata mill-Bord u mhux fuq il-punt li membru tal-Bord kien gja ta d-decizjoni tieghu jew kien involut f'decizjoni proprju fuq l-istess kaz, ghalkemm jidher li f'dan il-kaz il-partijiet saru.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 29 ta' Ottubru 2007 biss in kwantu l-istess hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti fir-rikors taghha datat 15 ta' Mejju 2007** fis-sens biss hawn deciz, b'dan illi tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Gozo Caterers Limited vs. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** tal-4 ta' Mejju 2007 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-Awtorita' appellata, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------